**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 318/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista:- 29.**

**GO p.l.c. (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

Vs

**Rozlin Vella (565188M)**

**81, Triq Haz-Zabbar,**

**Rahal Gdid**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmien ewro u tlieta u sebghin centezmu (€508.73c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40462454; li s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 40462454 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd liema socjeta' giet b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015 amalgata fis-socjeta' GO plc; li originarjament is-

servizz mertu ta' din il-vertenza kellu n-numru 79651880 liema numru sussegwentement gie mibdul ghal 79778323.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tat-talba u bid-data tal-appuntament tas-seduta tas-16 ta' Novembru, 2018 tant li fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2018 il-konvenuta dehret u ammettiet it-talba bil-gurament taghha.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont huwa dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, u fuq ammissjoni tal-konvenuta, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmien ewro u tlieta u sebghin centezmu (€508.73c) bl-imghax legali mill-01 ta' April, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bir-referenza numru 945/17 a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**